DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/665

tas-17 ta' April 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2005/270/KE li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tal-bażi tad-*data* skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(notifikata bid-dokument C(2019) 2805)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(4), 6a(9) u 12(3d) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 94/62/KE, kif emendata bid-Direttiva (UE) 2018/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), tistabbilixxi regoli ġenerali tal-kalkolu għall-kisba tal-miri tar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ għall-2025 u għall-2030. Tirrikjedi li l-Istati Membri jirrapportaw *data* lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-miri tar-riċiklaġġ għal kull sena kalendarja f'format stabbilit mill-Kummissjoni.

(2) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE ([3]) tiġi emendata sabiex id-dispożizzjonijiet tagħha jkunu konformi mar-regoli l-ġodda fid-Direttiva 94/62/KE fir-rigward tal-kalkolu tal-kisba tal-miri, stabbilit fl-Artikolu 5(2) fir-rigward tal-possibbiltà li jitqies l-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża, fl-Artikolu 5(3) fir-rigward tal-imballaġġ tal-injam li jissewwa għall-użu mill-ġdid u fl-Artikolu 6a, kif ukoll il-bidliet fl-Artikolu 12 dwar ir-rapportar.

(3) Ir-regoli tal-kalkolu għall-kisba tal-miri tal-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ għall-2025 u għall-2030 stabbiliti fl-Artikolu 6a(1) u (2) tad-Direttiva 94/62/KE jiċċaraw li l-iskart li jidħol f'operazzjoni ta' riċiklaġġ jew l-iskart li jkun kiseb it-tmiem tal-istatus ta' skart biss jenħtieġ li jintuża għall-kalkolu tal-mira ta' riċiklaġġ u, bħala regola ġenerali, jenħtieġ li l-kejl tal-iskart isir fl-input tal-operazzjoni ta' riċiklaġġ. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tar-regoli tal-kalkolu u tal-kumparabbiltà tad-*data*, jenħtieġ li jiġu speċifikati l-punti tal-kalkolu għall-materjali ewlenin tal-imballaġġ u tal-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ.

(4) Bil-ħsieb li jiġi żgurat rapportar armonizzat dwar il-metalli sseparati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ kif ukoll ir-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, jeħtieġ li tiġi stabbilita metodoloġija komuni għall-kalkolu tal-ammont ta' dawk il-metalli. Jenħtieġ li l-metodoloġija tqis biss il-kontenut tal-metall tal-materjali li huma sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni sabiex jiġu rriċiklati f'metalli, u jenħtieġ li tiżgura li jitqiesu biss il-metalli li ġejjin mill-inċinerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ.

(5) Skont l-Artikolu 6a(3) u (8) tad-Direttiva 94/62/KE, id-*data* kkalkolata u rrapportata trid tiġi appoġġata minn sistema effettiva ta' kontroll tal-kwalità u ta' traċċabbiltà tal-flussi tal-materjali tal-iskart mill-imballaġġ. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw affidabbiltà u akkuratezza għolja tad-*data* miġbura dwar l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat u irriċiklat, b'mod partikolari billi tingħabar *data* direttament mill-operaturi ekonomiċi u permezz tal-użu ta' reġistri elettroniċi kif imsemmi fl-Artikolu 35(4) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi applikati għall-iskart isseparat.

(6) Jenħtieġ li l-formati li jridu jintużaw mill-Istati Membri għar-rapportar tad-*data* skont l-Artikolu 12(3a) tad-Direttiva 94/62/KE iqisu r-regoli fir-rigward tar-rapportar dwar il-miri tar-riċiklaġġ għall-imballaġġ u dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża stabbiliti fid-Direttiva 94/62/KE.

([1]) ĠU L 365, 31.12.1994, p. 10.
([2]) Id-Direttiva (UE) 2018/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 141).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/270/KE tat-22 ta' Marzu 2005 li tistabbilixxi l-formati relatati mas-sistema tad-bażi tad-dejta skont id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ (ĠU L 86, 5.4.2005, p. 6).
([4]) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

(7) Jenħtieġ li l-formati għar-rapportar dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jqisu l-informazzjoni dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u dwar in-numru ta' rotazzjonijiet li l-imballaġġ iwettaq kull sena, li huwa essenzjali għad-determinazzjoni tas-sehem tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża meta mqabbel ma' dak tal-imballaġġ li jintuża darba biss. Peress li l-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża jista' jitqies fil-kuntest tal-miri tar-riċiklaġġ, huwa wkoll xieraq li ssir distinzjoni bejn l-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża u imballaġġ ieħor li jista' jerġa' jintuża.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 94/62/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/270/KE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-formati għar-rapportar tad-*data* skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 94/62/KE, kif ukoll ir-regoli għall-kalkolu, għall-verifika u għar-rapportar tad-*data* skont dik id-Direttiva, fir-rigward ta' dan li ġej:

(a) il-kisba ta' livell aġġustat tal-miri tar-riċiklaġġ imsemmijin fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE billi jitqies l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża skont l-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva;

(b) il-konsiderazzjoni tat-tiswija għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ tal-injam skont l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 94/62/KE;

(c) il-konformità mal-miri stabbiliti fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE;

(d) il-verifika tal-kwalità u l-miżuri meħuda skont l-Artikolu 6a(3) u (8) tad-Direttiva 94/62/KE.";

(2) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin, flimkien mad-definizzjonijiet rilevanti mniżżlin fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 94/62/KE:

(a) "materjali fil-mira" tfisser il-materjali ta' skart mill-imballaġġ li jiġu pproċessati mill-ġdid f'operazzjoni ta' riċiklaġġ speċifika fi prodotti, materjali jew sustanzi li mhumiex skart;

(b) "materjali li mhumiex fil-mira" tfisser, għall-finijiet tal-kalkolu tal-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, materjali ta' skart li ma jiġux ipproċessati mill-ġdid f'operazzjoni ta' riċiklaġġ speċifika fi prodotti, materjali jew sustanzi li mhumiex skart;

(c) "trattament preliminari" tfisser kull operazzjoni ta' trattament li jgħaddu minnha l-materjali ta' skart mill-imballaġġ qabel ma jgħaddu għall-operazzjoni tar-riċiklaġġ li fiha dawk il-materjali jiġu pproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi li mhumiex skart. Dan jinkludi l-verifika, s-separazzjoni u operazzjonijiet preparatorji oħra għat-tneħħija tal-materjali mhux fil-mira u għall-iżgurar ta' riċiklaġġ ta' kwalità għolja;

(d) "punt tal-kalkolu" tfisser il-punt meta l-materjali ta' skart mill-imballaġġ jidħlu fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ fejn l-iskart jiġi pproċessat mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi li mhumiex skart, jew il-punt meta l-materjali ta' skart jieqfu jkunu skart bħala riżultat ta' operazzjoni preparatorja qabel ma jiġu pproċessati mill-ġdid;

(e) "punt tal-kejl" tfisser il-punt meta titkejjel il-massa tal-materjali ta' skart bil-ħsieb li jiġi determinat l-ammont ta' skart fil-punt tal-kalkolu;

(f) "rotazzjoni" tfisser vjaġġ imwettaq mill-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mill-mument li jitqiegħed fis-suq flimkien mal-oġġetti li huma maħsuba li jidħlu fih jew jiġu protetti, immaniġġati, ikkonsenjati jew ippreżentati minnu, sal-mument meta jintbagħat lura għall-użu mill-ġdid f'sistema għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ bil-ħsieb li jitqiegħed fis-suq b'mod ripetut flimkien mal-oġġetti;

(g) "sistema għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ" tfisser arranġamenti organizzattivi, tekniċi jew finanzjarji li jiżguraw li l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża jwettaq bosta rotazzjonijiet.";

(b) fil-paragrafu 2, jitħassar l-ewwel subparagrafu;

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-imballaġġ magħmul minn materjali differenti li ma jistgħux jiġu sseparati bl-idejn għandu jiġi rrapportat taħt il-materjal predominanti skont il-piż.";

(b) fil-paragrafu 4, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, il-piż tal-iskart mill-imballaġġ irkuprat jew irriċiklat għandu jkun l-input tal-iskart mill-imballaġġ fi proċess ta' rkupru jew ta' riċiklaġġ effettiv. Jekk l-output tal-impjant għas-separazzjoni jintbagħat għal proċessi ta' rkupru jew ta' riċiklaġġ effettivi mingħajr telf sinifikanti, huwa aċċettabbli li dan l-output jitqies bħala l-piż tal-iskart mill-imballaġġ irkuprat jew irriċiklat.";

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-iskart mill-imballaġġ esportat barra mill-Unjoni għandu jitqies bħala rkuprat jew irriċiklat biss jekk ikun hemm evidenza ċara li l-irkupru u/jew ir-riċiklaġġ ikunu saru f'kundizzjonijiet li b'mod ġenerali huma ekwivalenti għal dawk preskritti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat fi Stat Membru ieħor jew barra mill-Unjoni li jintbagħat għall-irkupru jew għar-riċiklaġġ fi Stat Membru ma għandux jitqies bħala rkuprat jew irriċiklat fl-Istat Membru fejn ikun intbagħat dan l-iskart mill-imballaġġ.";

(5) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, il-piż tal-iskart mill-imballaġġ irkuprat jew irriċiklat għandu jitkejjel bl-użu ta' rata ta' umdità naturali tal-iskart mill-imballaġġ komparabbli mar-rata ta' umdità ta' imballaġġ ekwivalenti mqiegħed fis-suq.";

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-korrezzjonijiet sinifikanti għandhom jiġu rrapportati fid-deskrizzjonijiet dwar il-kompilazzjoni tad-*data* fir-rapport dwar il-verifika tal-kwalità tad-*data*.";

(b) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

(i) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, sa fejn ikun prattiku, il-piż tal-imballaġġ irkuprat għandu jeskludi l-materjali mhux tal-imballaġġ miġbura flimkien mal-iskart mill-imballaġġ.";

(ii) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-korrezzjonijiet sinifikanti għandhom jiġu rrapportati fid-deskrizzjonijiet dwar il-kompilazzjoni tad-*data* fir-rapport dwar il-verifika tal-kwalità tad-*data*.";

(6) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, id-dispożizzjonijiet dwar l-irkupru fl-Artikoli 3, 4 u 5 ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-iskart mill-imballaġġ inċinerat f'impjanti ta' inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija.";

(7) jiddaħħlu l-Artikoli 6a sa 6f li ġejjin:

"*Artikolu 6a*

1. Għall-finijiet li jinkiseb livell aġġustat tal-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE billi jitqies is-sehem medju, fit-tliet snin preċedenti, tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u li jerġa' jintuża bħala parti minn sistema għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ, kif previst fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 94/62/KE, l-ammont ta' imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża li jiġi skartat wara l-ewwel rotazzjoni tiegħu għandu jitnaqqas mill-ammont totali ta' imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba f'sena speċifika.

2. Il-punti perċentwali li jistgħu jitnaqqsu mill-miri tar-riċiklaġġ għad-determinazzjoni tal-livell aġġustat imsemmi fl-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 94/62/KE għandhom jiġu kkalkolati bħala medja aritmetika tal-punti perċentwali li jirrappreżentaw is-sehem tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża f'kull waħda mit-tliet snin preċedenti. Dan is-sehem għandu jiġi kkalkolat billi jiġi diviż l-ammont ta' imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża determinat f'konformità ma' dan l-Artikolu li huwa magħmul mill-materjal tal-imballaġġ li għalih tapplika l-mira tar-riċiklaġġ, bl-ammont kollu ta' imballaġġ tal-bejgħ magħmul minn dak il-materjal tal-imballaġġ u mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba f'sena speċifika.

Artikolu 6b

1. Meta Stat Membru jqis l-ammonti ta' imballaġġ tal-injam li jissewwa għall-użu mill-ġdid fil-kalkolu tal-miri stabbiliti fil-punt (f), fil-punt (g)(ii), fil-punt (h) u fil-punt (i)(ii) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-ammont ta' imballaġġ tal-injam li jissewwa għall-użu mill-ġdid għandu jiżdied mal-iskart mill-imballaġġ iġġenerat u mal-iskart mill-imballaġġ irriċiklat.

2. L-ammont ta' imballaġġ tal-injam li jissewwa għall-użu mill-ġdid għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-massa tal-unitajiet ta' imballaġġ tal-injam imsewwija li sussegwentement jerġgħu jintużaw u għandu jeskludi l-imballaġġ tal-injam jew il-komponenti tal-imballaġġ tal-injam li jittieħdu f'operazzjonijiet tat-trattament tal-iskart.

Artikolu 6c

1. Għall-finijiet li tiġi kkalkolata u vverifikata l-konformità mal-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, għandu japplika dan li ġej:

(a) L-ammont ta' skart mill-imballaġġ irriċiklat għandu jkun l-ammont ta' skart fil-punt tal-kalkolu. L-ammont ta' skart mill-imballaġġ li jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ għandu jinkludi l-materjali fil-mira. Jista' jinkludi materjali mhux fil-mira biss sal-punt li l-preżenza tagħhom tkun permissibbli għall-operazzjoni tar-riċiklaġġ speċifika.

Il-punti tal-kalkolu applikabbli għal ċerti materjali ta' skart mill-imballaġġ u ċerti operazzjonijiet tar-riċiklaġġ huma speċifikati fl-Anness II.

(b) Meta l-punt tal-kejl ikun relatat mal-output ta' faċilità li tibgħat l-iskart mill-imballaġġ għar-riċiklaġġ mingħajr trattament preliminari ulterjuri, jew mal-input ta' faċilità fejn l-iskart mill-imballaġġ jidħol fl-operazzjoni tar-riċiklaġġ mingħajr trattament preliminari ulterjuri, l-ammont ta' skart mill-imballaġġ isseparat li jiġi rifjutat mill-faċilità tar-riċiklaġġ ma għandux jiġi inkluż fl-ammont ta' skart mill-imballaġġ irriċiklat.

(c) Meta faċilità twettaq trattament preliminari qabel il-punt tal-kalkolu f'dik il-faċilità, l-iskart imneħħi matul it-trattament preliminari ma għandux jiġi inkluż fl-ammont ta' skart mill-imballaġġ irriċiklat li jiġi rrapportat minn dik il-faċilità.

(d) Meta l-imballaġġ bijodegradabbli li huwa soġġett għal trattament aerobiku jew anaerobiku jiġi inkluż fl-ammonti rriċiklati għall-materjal tal-imballaġġ rispettiv, l-ammont ta' imballaġġ bijodegradabbli fl-iskart bijodegradabbli għandu jiġi determinat billi l-kompożizzjoni tal-iskart bijodegradabbli li jidħol f'dawk l-operazzjonijiet tiġi analizzata b'mod regolari. L-iskart mill-imballaġġ bijodegradabbli li jitneħħa qabel, matul jew wara l-operazzjoni tar-riċiklaġġ ma għandux jiġi inkluż fl-ammonti rriċiklati.

(e) Meta r-rata tal-umdità tal-iskart mill-imballaġġ fil-punt tal-kejl tkun differenti minn dik tal-imballaġġ imqiegħed fis-suq, l-ammont ta' imballaġġ fil-punt tal-kejl għandu jiġi kkoreġut sabiex jirrifletti r-rata ta' umdità naturali tal-iskart mill-imballaġġ komparabbli mal-umdità ta' imballaġġ ekwivalenti mqiegħed fis-suq.

(f) L-ammont ta' skart mill-imballaġġ irriċiklat għandu jeskludi l-materjali mhux ta' imballaġġ miġbura flimkien mal-iskart mill-imballaġġ, bħal pereżempju l-iskart tal-istess materjal li ma joriġinax mill-imballaġġ, u r-residwi mill-prodotti li kienu fl-imballaġġ.

(g) Meta l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat fi Stat Membru speċifiku jkun tħallat ma' skart ieħor jew ma' skart minn pajjiż ieħor qabel il-punt tal-kejl jew il-punt tal-kalkolu, il-proporzjon tal-iskart mill-imballaġġ li joriġina minn Stat Membru speċifiku għandu jiġi identifikat bl-użu ta' metodi xierqa, bħal pereżempju reġistri elettroniċi u stħarriġ kampjunarju. Meta skart bħal dan isirulu trattamenti preliminari ulterjuri, l-ammont ta' materjali mhux fil-mira mneħħija minn dak it-trattament għandu jitnaqqas filwaqt li jitqies il-proporzjon u, fejn xieraq, il-kwalità tal-materjali ta' skart li jkunu ġejjin mill-iskart mill-imballaġġ li joriġina minn Stat Membru speċifiku.

(h) Meta materjali tal-iskart mill-imballaġġ jidħlu f'operazzjonijiet ta' rkupru fejn dawk il-materjali jintużaw prinċipalment bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, l-output tat-tali operazzjonijiet li huwa soġġett għall-irkupru tal-materjali, bħal pereżempju il-frazzjoni minerali tal-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni jew il-gagazza li tirriżulta mill-koinċinerazzjoni, ma għandux jiġi inkluż fl-ammont ta' skart mill-imballaġġ irriċiklat, bl-eċċezzjoni tal-metalli sseparati u rriċiklati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ. Il-metalli inkorporati fl-output minerali tal-proċess ta' koinċinerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ ma għandhomx jiġu rrapportati bħala rriċiklati.

(i) Meta l-materjali tal-iskart mill-imballaġġ jidħlu f'operazzjonijiet ta' rkupru fejn dawk il-materjali ma jintużawx prinċipalment bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni tal-enerġija, jew għall-irkupru tal-materjali, iżda jirriżultaw f'output li jinkludi materjali rriċiklati, fjuwils jew materjali ta' rdim f'proporzjonijiet sinifikanti, l-ammont ta' skart irriċiklat għandu jiġi ddeterminat permezz ta' approċċ ta' bilanċ tal-massa li jirriżulta fil-kunsiderazzjoni tal-materjali ta' skart li huma soġġetti għar-riċiklaġġ biss.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-imballaġġ imħallat u imballaġġ ieħor magħmul minn aktar minn materjal wieħed għandhom jiġu kkalkolati u rrapportati skont kull materjal li jkun preżenti fl-imballaġġ. L-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan ir-rekwiżit meta materjal speċifiku jikkostitwixxi parti insinifikanti tal-unità tal-imballaġġ, u fl-ebda każ ma jkun jikkostitwixxi aktar minn 5 % tal-massa totali tal-unità tal-imballaġġ.

Artikolu 6d

1. Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (f) sa (i) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-ammont ta' metalli rriċiklati li jkunu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni għandu jkun il-massa ta' metalli fil-konċentrat tal-metall li jkun isseparat mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni grezz li joriġina mill-iskart mill-imballaġġ, u ma għandux jinkludi materjali oħra li jkunu jinsabu fil-konċentrat tal-metall bħal pereżempju aderenzi minerali jew metalli li ma joriġinawx mill-iskart mill-imballaġġ.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-metodoloġija stabbilita fl-Anness III għall-kalkolu tal-massa tal-metalli rriċiklati li jkunu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni.

Artikolu 6e

Għall-finijiet tal-kalkolu u tal-verifika tal-kisba tal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, l-Istati Membri jistgħu japplikaw ir-regoli dwar il-kalkolu stabbiliti fl-Artikoli 6a sa 6d.

Artikolu 6f

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jiżguraw l-affidabbiltà u l-akkuratezza tad-*data* rrapportata skont din id-Deċiżjoni. B'mod partikolari, l-ammont ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat għandu jkun soġġett għal verifika u għal kontroverifika, inkluż bl-użu tad-*data* dwar l-ammont ta' imballaġġ imqiegħed fis-suq, id-*data* rilevanti dwar l-iskart u l-analiżijiet tal-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali mħallat. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bit-tali verifika li tkun twettqet u, fejn xieraq, b'kull inkonsistenza identifikata u l-miżuri korrettivi ppjanati jew meħuda.

2. L-Istati Membri għandhom jiksbu d-*data* direttament mill-istabbilimenti jew mill-impriżi li qed jimmaniġġaw l-iskart, kif xieraq.

3. L-Istati Membri għandhom iqisu l-użu tar-reġistri elettroniċi.

4. Meta l-ġbir tad-*data* ikun ibbażat fuq stħarriġ, inkluż l-istħarriġ li juża metodoloġiji ta' kampjunar, dak l-istħarriġ għandu jitwettaq skont standard minimu li għandu jinkludi r-rekwiżiti minimi li ġejjin:

(a) l-istħarriġ jitwettaq f'intervalli regolari u speċifikati sabiex jirrifletti b'mod adegwat il-varjazzjoni fid-*data* li trid tiġi mistħarrġa;

(b) l-istħarriġ ikun ibbażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni li għalih jiġu applikati r-riżultati.

5. Jistgħu jintużaw stimi għall-materjali tal-imballaġġ li jkunu fi kwantitajiet żgħar u għal dawk li mhumiex imsemmija f'din id-Deċiżjoni. Dawk l-istimi għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli u għandhom jiġu deskritti fir-rapporti dwar il-verifika tal-kwalità li jakkumpanjaw id-*data* dwar il-ġenerazzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ.";

(8) L-Artikoli 7 u 8 jitħassru;

(9) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart mill-imballaġġ u dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża bl-użu tal-formati mogħtija fit-Tabelli 1, 2 u 3 tal-Anness I.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-*data* dwar il-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief billi jużaw il-format mogħti fit-Tabella 4 jew fit-Tabella 5 tal-Anness I, kif xieraq, għar-rapportar skont l-għadd, u billi jużaw il-format mogħti fit-Tabella 6 jew fit-Tabella 7 tal-Anness I, kif xieraq, għar-rapportar skont il-piż.";

(b) jiżdiedu l-paragrafi 3 sa 7 li ġejjin:

"3. L-Istati Membri għandhom jimlew il-formati tar-rapportar mogħtija fl-Anness I fuq bażi ta' kull sena u għandhom jibagħtuhom lill-Kummissjoni fi żmien 18-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza fil-forma elettronika, permezz ta' standard ta' interkambju stabbilit mill-Kummissjoni. Ir-rapportar għandu jkopri sena kalendarja sħiħa.

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport dwar il-verifika tal-kwalità bl-użu tal-format mogħti fl-Anness IV.

5. Meta, għall-finijiet tal-verifika tal-konformità mal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE, Stat Membru ma japplikax ir-regoli dwar il-kalkolu stabbiliti fl-Artikoli 6a sa 6d, dak l-Istat Membru għandu jibgħat id-*data* għall-verifika tal-konformità mal-miri stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 94/62/KE b'mod separat bl-użu tal-format stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness.

6. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jiksbu livell aġġustat ta' mira skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 94/62/KE għal sena speċifika għandhom jimlew il-format tar-rapportar stabbilit fit-Tabella 2 tal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għal dik is-sena għall-materjal tal-imballaġġ rispettiv u għandhom jibagħtuh lill-Kummissjoni fi żmien 18-il xahar mit-tmien tas-sena ta' referenza fil-forma elettronika, permezz ta' standard ta' interkambju stabbilit mill-Kummissjoni.

7. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-*data* rrapportata fl-Annessi ta' din id-Deċiżjoni, sakemm, fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fir-rapporti dwar il-verifika tal-kwalità stabbiliti fl-Anness IV, Stat Membru ma jkunx ipprovda rikjesta ġustifikata biex ma tiġix ippubblikata ċerta *data*.";

(10) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni
Karmenu VELLA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2005/270/KE huwa emendat kif ġej:

(1) it-titlu huwa sostitwit b'"ANNESS I";

(2) it-Tabelli 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"Tabella 1

Rapportar dwar il-miri tar-riċiklaġġ stabbiliti fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 94/62/KE

(tunnellati)

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Ġenerazzjoni tal-iskart	Riċiklaġġ			Tiswija tal-imballaġġ tal-injam	Irkupru tal-enerġija [1]	Irkupru ieħor [2]
		Riċiklaġġ fl-Istat Membru	Riċiklaġġ fi Stati Membri oħra	Riċiklaġġ barra mill-UE			
Kollha							
Plastik							
Injam							
Metall (total)							
Metall ferruż							
Metall ferruż mill-IBA [3]							
Aluminju							
Aluminju mill-IBA [4]							
~~H~~ġieġ							
Karta u kartun							
Oħrajn							

Noti:

1. Il-kaxxi bi sfumatura skura: ir-rapportar ma japplikax.
2. Il-kaxxi bi sfumatura ċara: ir-rapportar huwa obbligatorju biss għall-Istati Membri li jinkludu dawk l-ammonti fir-rati ta' riċiklaġġ. Meta l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-metalli mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni (incineration bottom ash, IBA), dawn għandhom jimlew il-kaxxi dwar ir-riċiklaġġ fl-Istat Membru u barra mill-Istat Membru.

(1) Dan jinkludi l-inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija u l-ipproċessar mill-ġdid tal-iskart biex jintuża bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni tal-enerġija.
(2) Dan jeskludi t-tiswija tal-imballaġġ tal-injam, ir-riċiklaġġ u l-irkupru tal-enerġija u jinkludi l-irdim.
(3) Il-metalli ferrużi rriċiklati wara s-separazzjoni tagħhom mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni għandhom jiġu rrapportati b'mod separat u ma għandhomx jiġu inklużi fir-ringiela għar-rapportar tal-metalli ferrużi.
(4) L-aluminju rriċiklat wara s-separazzjoni mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni għandu jiġi rrapportat b'mod separat u ma għandux jiġi inkluż fir-ringiela għar-rapportar tal-aluminju.

Tabella 2

Format għar-rapportar għall-finijiet tal-aġġustament tar-rati tar-riċiklaġġ skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 94/62/KE

(%)

1	2	3	4	5
Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Sehem tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża fl-imballaġġ tal-bejgħ kollu għas-sena n-3	Sehem tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża fl-imballaġġ tal-bejgħ kollu għas-sena n-2	Sehem tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża fl-imballaġġ tal-bejgħ kollu għas-sena n-1	Sehem medju tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża fit-tliet snin ta' qabel is-sena n
Plastik				
Injam				
Metall ferruż				
Aluminju				
Ħġieġ				
Karta u kartun				
Kollha				

Noti:
1. Il-kaxxi bi sfumatura ċara: Id-*data* hija obbligatorja biss għall-materjal li għalih l-Istat Membru ddeċieda li jikseb mira aġġustata.
2. Il-kaxxi bi sfumatura skura: il-kalkolu tad-*data* huwa awtomatiku u jirrappreżenta l-medja aritmetika tal-kolonni 2, 3 u 4.

Tabella 3

Format għar-rapportar dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11
Materjal tal-imballaġġ	Imballaġġ imqiegħed fis-suq għall-ewwel darba				Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba		Rotazzjonijiet (3)			
	Imballaġġ kollu (1)		Imballaġġ tal-bejgħ (2)		Imballaġġ kollu li jista' jerġa' jintuża (t)	Imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża (t)	Imballaġġ kollu li jista' jerġa' jintuża		Imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża	
	(t)	(unitajiet)	(t)	(unitajiet)			(t) (4)	(numru)	(t) (4)	(numru)
Plastik										
Injam										
Metall ferruż										
Aluminju										
Ħġieġ										

1	2	3	4	5	6	7	8	9	10	11
Materjal tal-imballaġġ	Imballaġġ imqiegħed fis-suq għall-ewwel darba				Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba		Rotazzjonijiet ([3])			
	Imballaġġ kollu ([1])		Imballaġġ tal-bejgħ ([2])		Imballaġġ kollu li jista' jerġa' jintuża (t)	Imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża (t)	Imballaġġ kollu li jista' jerġa' jintuża		Imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża	
	(t)	(unitajiet)	(t)	(unitajiet)			(t) ([4])	(numru)	(t) ([4])	(numru)
Karta u kartun										
Oħrajn										
Kollha										

Noti: Il-kaxxi bi sfumatura ċara: il-provvista tad-*data* hija volontarja.

([1]) Dan ifisser l-imballaġġ kollu li jista' jerġa' jintuża u l-imballaġġ kollu li jintuża darba biss inkluż l-imballaġġ tal-bejgħ, l-imballaġġ tat-trasport u l-imballaġġ ta' prodotti fi gruppi.
([2]) Dan ifisser l-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża u l-imballaġġ tal-bejgħ li jintuża darba biss.
([3]) Dan ifisser in-numru ta' rotazzjonijiet li jwettaq l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sena speċifika.
([4]) Dan ifisser in-numru ta' rotazzjonijiet li jwettaq l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża f'sena speċifika mmultiplikat bil-massa tagħhom.";

(3) jiżdiedu l-Annessi II, III u IV li ġejjin:

"*ANNESS II*

Punti tal-kalkolu msemmijin fl-Artikolu 6c(1)(a)

Materjal tal-Imballaġġ	Punt tal-Kalkolu
Ħġieġ	Il-ħġieġ isseparat li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jidħol ġo forn tal-ħġieġ jew qabel il-produzzjoni ta' mezzi ta' filtrazzjoni, materjali li joborxu, iżolant tal-fibra tal-ħġieġ u materjali tal-kostruzzjoni.
Metalli	Il-metall isseparat li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jidħol ġo funderija jew forn tal-metall.
Karta/kartun	Il-karta sseparata li ma tgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma tidħol f'operazzjoni ta' sfibratura
Plastik	Il-plastik isseparat skont il-polimeri li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jidħol f'operazzjonijiet ta' pelitizzazzjoni, estrużjoni jew iffurmar; Il-fjokki tal-plastik li ma jgħaddux minn ipproċessar ulterjuri qabel l-użu tagħhom fi prodott finali.
Injam	Injam isseparat li ma jgħaddix minn ipproċessar ulterjuri qabel l-użu fil-manifattura ta' bords tal-partikuli jew prodotti oħrajn. Injam isseparat li jidħol f'operazzjoni ta' kompostjar.
Tessuti	It-tessuti sseparati li ma jgħaddux minn ipproċessar ulterjuri qabel l-użu tagħhom għall-produzzjoni ta' fibri tessili, ċraret jew granulati.
Imballaġġ imħallat u imballaġġ magħmul minn diversi materjali	Il-plastik, il-ħġieġ, il-metall, l-injam, il-karta u l-kartun u materjali oħrajn li jirriżultaw mit-trattament tal-imballaġġ imħallat jew tal-imballaġġ magħmul minn diversi materjali li ma jgħaddux minn ipproċessar ulterjuri qabel ma jilħqu l-punt tal-kalkolu stabbilit għall-materjal speċifiku.

ANNESS III

Metodoloġija għall-kalkolu tal-metalli rriċiklati li jkunu sseparati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ

1. It-termini li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tal-formuli stabbiliti f'dan l-Anness:

$m_{total\ IBA\ Fe/Al}$	il-massa totali tal-metalli ferruġi jew tal-aluminju fl-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni f'sena speċifika;
$m_{IBA\ Fe/nFe\ konċentrati}$	il-massa tal-konċentrat tal-metalli ferruġi jew tal-konċentrat tal-metalli mhux ferruġi sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni tal-iskart grezz f'sena speċifika;
$c_{IBA\ Fe/Al}$	il-konċentrazzjoni tal-metalli ferruġi jew tal-aluminju fil-konċentrat tal-metall rispettiv;
$m_{IBA\ Fe/Al}$	il-massa tal-metalli ferruġi jew tal-aluminju fil-konċentrat tal-metalli ferruġi jew fil-konċentrat tal-metalli mhux ferruġi li jkunu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni f'sena speċifika;
$m_{mhux\ metalliku}$	il-massa tal-materjal mhux metalliku li jinsab f'konċentrat speċifiku ta' metalli ferruġi jew f'konċentrat speċifiku tal-aluminju;
r_{Al}	is-sehem tal-aluminju fil-metalli mhux ferruġi li jinsab f'konċentrat mhux ferruż li jkun isseparat mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni;
$m_{PW\ Fe/Al}$	il-massa tal-metalli ferruġi jew tal-aluminju mill-iskart mill-imballaġġ li jidħlu f'operazzjoni ta' inċinerazzjoni f'sena speċifika;
$m_{W\ Fe/Al}$	il-massa tal-metalli ferruġi kollha jew tal-aluminju kollu li jidħlu f'operazzjoni ta' inċinerazzjoni f'sena speċifika; u
$m_{PW\ IBA\ Fe/Al}$	il-massa tal-metalli ferruġi jew tal-aluminju rriċiklati li joriġinaw mill-iskart mill-imballaġġ f'sena speċifika.

2. Wara s-separazzjoni tal-konċentrat ferruż/mhux ferruż mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni grezz, il-kontenut tal-metalli ferruġi/tal-aluminju tal-konċentrat tal-metall għandu jiġi kkalkolat billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$m_{total\ IBA\ Fe/Al} = m_{IBA\ Fe/nFe\ konċentrati} \cdot c_{IBA\ Fe/Al}$$

3. Id-*data* dwar il-massa tal-konċentrati tal-metall ferruż/mhux ferruż għandha tinkiseb mill-faċilitajiet li jisseparaw il-konċentrati tal-metall mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni grezz.

4. Il-konċentrazzjoni tal-metalli ferruġi u tal-aluminju li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni grezz għandha tiġi kkalkolata bl-użu tad-*data* miġbura permezz ta' stħarriġ regolari mill-faċilitajiet li jittrattaw il-konċentrati tal-metall u mill-faċilitajiet li jużaw il-metalli li jkunu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni biex jipproduċu prodotti tal-metall billi jiġu applikati l-formuli li ġejjin:

(a) għall-metalli ferruġi

$$c_{IBA\ Fe} = \frac{m_{IBA\ Fe}}{m_{IBA\ Fe\ konċentrati}} = \frac{m_{IBA\ Fe\ konċentrati} - m_{mhux\ metalliku}}{m_{IBA\ Fe\ konċentrati}}, \text{ u}$$

(b) għall-aluminju

$$c_{IBA\ Al} = \frac{m_{IBA\ Al}}{m_{IBA\ nFe\ konċentrati}} = \frac{(m_{IBA\ nFe\ konċentrati} - m_{mhux\ metalliku}) \cdot r_{Al}}{m_{IBA\ nFe\ konċentrati}}$$

5. Il-massa tal-metalli ferruġi/tal-aluminju rriċiklati li joriġinaw mill-iskart mill-imballaġġ fil-metalli ferruġi/fl-aluminju rriċiklati kollha li jkunu sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni għandha tiġi ddeterminata permezz ta' stħarriġ kampjunarju tal-iskart li jidħol fl-operazzjoni tal-inċinerazzjoni. Dan l-istħarriġ għandu jitwettaq mill-inqas kull ħames snin u meta jkun hemm raġunijiet biex wieħed jistenna li l-kompożizzjoni tal-iskart inċinerat ikun inbidel b'mod sinifikanti. Il-massa tal-metalli ferruġi/tal-aluminju li joriġinaw mill-iskart mill-imballaġġ għandha tiġi kkalkolata billi tiġi applikata l-formula li ġejja:

$$m_{PW\ IBA\ Fe/Al} = \frac{m_{PW\ Fe/Al}}{m_{W\ Fe/Al}} \cdot m_{total\ IBA\ Fe/Al}.$$

ANNESS IV

Format għall-verifika tal-kwalità

I. **Objettivi tar-rapport**

L-objettivi tar-rapport dwar il-verifika tal-kwalità huma dawn li ġejjin:

1. Li tiġi evalwata l-metodoloġija sabiex jiġi rrapportat il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief;

2. Li tiġi evalwata l-kwalità tad-*data* dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża;

3. Li tiġi vverifikata l-komprensività tal-applikazzjoni ta' Stat Membru tad-definizzjoni tal-iskart mill-imballaġġ, b'mod partikolari fir-rigward tad-*data* dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ;

4. Li tiġi evalwata l-kwalità tal-proċessi tal-ġbir tad-*data*, inkluż l-ambitu u l-validazzjoni tas-sorsi tad-*data* amministrattiva u l-validità statistika tal-approċċi bbażati fuq l-istħarriġ;

5. Li jinftehmu r-raġunijiet għall-bidliet sinifikanti fid-*data* rrapportata bejn is-snin ta' referenza u li tiġi żgurata l-fiduċja fl-akkuratezza ta' dik id-*data*;

6. Li tiġi żgurata l-applikazzjoni tar-regoli u tal-metodoloġiji komuni sabiex jitkejlu l-metalli li jkunu sseparati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ; u

7. Li tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fir-regoli għall-kalkolu tal-miri tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ.

II. **Informazzjoni ġenerali**

1. Stat Membru:

2. Organizzazzjoni li qed tibgħat id-*data* u d-deskrizzjoni:

3. Persuna ta' kuntatt / dettalji ta' kuntatt:

4. Sena ta' referenza:

5. Data ta' konsenja / verżjoni:

6. Link għall-pubblikazzjoni tad-*data* mill-Istat Membru (jekk hemm):

III. **Konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief**

1. Deskrizzjoni tal-partijiet involuti fil-ġbir tad-*data*

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2. Deskrizzjoni tal-metodi użati

3. Akkuratezza tad-*data*

3.1. Deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw l-akkuratezza tad-*data* dwar il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief, inkluż l-iżbalji relatati mal-kampjunar, mal-kopertura, mal-kejl, mal-ipproċessar u man-nuqqas ta' tweġiba

3.2. Spjegazzjoni tal-ambitu u tal-validità tal-istħarriġ għall-ġbir tad-*data* dwar il-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief

3.3. Stħarriġ statistiku użat fir-rigward tal-konsum annwali ta' basktijiet tal-plastik ħfief

Ambitu tal-istħarriġ	Sena	Unitajiet statistiċi	Perċentwal tal-popolazzjoni mistħarrġa	Data (t)	Livell ta' fiduċja	Marġni ta' żball	Aġġustamenti mis-sena tal-istħarriġ għas-sena attwali	Dettalji oħra

Żid ir-ringieli għal kull stħarriġ użat.

3.4. Differenzi mid-*data* tas-sena ta' qabel

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu għas-sena ta' referenza attwali, jekk hemm (jekk jogħġbok inkludi b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk huwiex meħtieġ break-flag għal sena partikolari).

IV. **Imballaġġ li jista' jerġa' jintuża**

1. Partijiet involuti fil-ġbir tad-*data*

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2. Deskrizzjoni tal-applikazzjoni tad-definizzjoni tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża fis-sistema nazzjonali għall-ġbir tad-*data*, inkluż l-iżgurar li l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba jerġa' jintuża bħala parti minn sistema għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ u li jiġu inklużi r-rotazzjonijiet kollha tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża

3. Metodi għall-ġbir u għall-aggregazzjoni tad-*data* għall-kategoriji, għat-tip ta' imballaġġ u għas-sistemi għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ differenti

Materjal tal-imballaġġ	Kategorija tal-imballaġġ koperta (imballaġġ tal-bejgħ, kollettiv jew tat-trasport)	Tip ta' imballaġġ (pereżempju fliexken, ċestuni, kontenituri)	Deskrizzjoni tas-sistema tal-użu mill-ġdid (sistema b'ċirkwit miftuħ jew b'ċirkwit magħluq)	Deskrizzjoni dettaljata tal-metodi għall-ġbir u għall-aggregazzjoni tad-*data*, inkluż is-sorsi ta' informazzjoni, il-kopertura u kull stima użata, jekk possibbli b'mod separat għal kull kombinazzjoni ta' materjal ta' imballaġġ, kategorija, tip ta' imballaġġ u sistema għall-użu mill-ġdid
Plastik				
Injam				

Materjal tal-imballaġġ	Kategorija tal-imballaġġ koperta (imballaġġ tal-bejgħ, kollettiv jew tat-trasport)	Tip ta' imballaġġ (pereżempju fliexken, ċestuni, kontenituri)	Deskrizzjoni tas-sistema tal-użu mill-ġdid (sistema b'ċirkwit miftuħ jew b'ċirkwit magħluq)	Deskrizzjoni dettaljata tal-metodi għall-ġbir u għall-aggregazzjoni tad-*data*, inkluż is-sorsi ta' informazzjoni, il-kopertura u kull stima użata, jekk possibbli b'mod separat għal kull kombinazzjoni ta' materjal ta' imballaġġ, kategorija, tip ta' imballaġġ u sistema għall-użu mill-ġdid
Metalli ferrużi				
Aluminju				
Ħġieġ				
Karta u kartun				
Oħrajn				

Żid ir-ringieli wara kull materjal kif xieraq.

4. Verifika tad-*data*

Materjal tal-imballaġġ	Deskrizzjoni dettaljata tal-metodi għall-verifika tad-*data* dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, jekk possibbli b'mod separat għal kull kombinazzjoni ta' materjal ta' imballaġġ, kategorija, tip ta' imballaġġ u sistema għall-użu mill-ġdid
Plastik	
Injam	
Metalli ferrużi	
Aluminju	
Ħġieġ	
Karta u kartun	
Oħrajn	

5. Akkuratezza tad-*data*

5.1. Deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw l-akkuratezza tad-*data* dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża, inkluż l-iżbalji relatati mal-kampjunar, mal-kopertura, mal-kejl, mal-ipproċessar u man-nuqqas ta' tweġiba

5.2. Spjegazzjoni tal-ambitu u tal-validità tal-istħarriġ għall-ġbir tad-*data* dwar l-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża

5.3. Stħarriġ statistiku użat fir-rigward tal-imballaġġ li jista' jerġa' jintuża

Materjal tal-imballaġġ	Sena	Unitajiet statistiċi	Perċentwal tal-popolazzjoni mistħarrġa	*Data* (tunnellati)	Livell ta' fiduċja	Marġni ta' żball	Dettalji tal-aġġustamenti mis-sena tal-istħarriġ għas-sena attwali	Dettalji oħra

Żid ir-ringieli għal kull stħarriġ użat.

5.4. Differenzi mid-*data* tas-sena ta' qabel

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu għas-sena ta' referenza attwali, jekk hemm (jekk jogħġbok inkludi b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk huwiex meħtieġ break-flag għal sena partikolari)

V. **Skart mill-imballaġġ**

1. Deskrizzjoni tal-partijiet involuti fil-ġbir tad-*data*

Isem l-istituzzjoni	Deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet ewlenin

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2. Deskrizzjoni tal-metodi użati

2.1. Ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ

2.1.1. Metodi għad-determinazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ (immarka l-kaxxi rilevanti kollha b'salib)

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ/Metodi għall-ġbir tad-*data*	Total	Plastik	Injam	Metalli ferruġi	Aluminju	Ħġieġ	Karta u kartun	Oħrajn
Użu tad-*data* dwar l-imballaġġ imqiegħed fis-suq								
Rapportar amministrattiv								
Stħarriġ								
Reġistru elettroniku								
Analiżi tal-iskart								
Data mill-operaturi tal-iskart								
Data mill-muniċipalitajiet								

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ/Metodi għall-ġbir tad-*data*	Total	Plastik	Injam	Metalli ferruġi	Aluminju	Ħġieġ	Karta u kartun	Oħrajn
Data mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur								
Produzzjoni u Statistika tal-Kummerċ Barrani								
Oħrajn (speċifika)								

Deskrizzjoni tal-metodi ta' verifika fir-rigward tad-*data* dwar l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat fil-każ li tintuża d-*data* dwar l-imballaġġ imqiegħed fis-suq

2.1.2. Spjegazzjoni tal-applikazzjoni tal-istimi f'każ li tintuża d-*data* dwar l-imballaġġ imqiegħed fis-suq (pereżempju, meta l-ġbir tad-*data* ma jkoprix is-suq kollu jew sabiex jitqiesu l-opportunisti, il-vjeġġi privati fil-pajjiż jew barra mill-pajjiż, jew il-bejgħ online)

2.1.3. Indikazzjoni ta' jekk stima tkunx ġiet ikkalkolata jew miżjuda (Iva/Le) u jekk "Iva" il-volum miżjud f% tat-total

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ/Validazzjoni	Total	Plastik	Injam	Metalli ferruġi	Aluminju	Ħġieġ	Karta u kartun	Oħrajn
Stimi ġenerali (eż. ibbażati fuq l-istħarriġ)								
Opportunisti								
Vjeġġi privati								
Bejgħ online								
Oħrajn								

2.1.4. Deskrizzjoni tal-metodoloġija u tal-verifika tad-*data* dwar l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat f'każ li tintuża d-*data* dwar l-iskart mill-imballaġġ, inkluż kif jitqies (a) l-iskart mhux mill-imballaġġ miġbur flimkien mal-iskart mill-imballaġġ u (b) il-materjali tal-imballaġġ fi skart ieħor (flussi ta' skart imħallat).

2.1.5. Deskrizzjoni tal-metodoloġija għar-rapportar dwar l-imballaġġ imħallat, inkluż meta l-materjali fl-imballaġġ imħallat li jirrappreżentaw inqas minn 5 % tal-massa tal-unità tal-imballaġġ ma jiġux rrapportati b'mod separat.

2.1.6. Verifika tad-*data* dwar l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Kontroverifika (iva/le)	Verifika tas-serje kronoloġika (iva/le)	Awditjar (iva/le)	Proċess ta' Verifika
Plastik				
Injam				
Metalli ferruż				
Aluminju				
Ħġieġ				
Karta u kartun				
Oħrajn				

Dettalji addizzjonali fir-rigward tal-verifika tad-*data* dwar l-iskart mill-imballaġġ iġġenerat

2.2. Immaniġġjar tal-iskart mill-imballaġġ

2.2.1. Klassifikazzjonijiet tal-operazzjonijiet tat-trattament

L-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni użata għall-operazzjonijiet tat-trattament (jekk tintuża klassifikazzjoni standard bħal pereżempju l-kodiċijiet tal-operazzjoni ta' rimi jew tal-operazzjoni tal-irkupru stabbiliti fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2008/98/KE rreferi għal isimha jew speċifika u ddeskrivi l-kategoriji rilevanti użati).

2.2.2. Deskrizzjoni tal-metodu għad-determinazzjoni tat-trattament tal-iskart mill-imballaġġ (immarka b'salib)

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ/Metodi għall-ġbir tad-*data*	Total	Plastik	Injam	Metalli ferruż	Aluminju	Ħġieġ	Karta u kartun	Oħrajn
Rapportar amministrattiv								
Stħarriġ								
Reġistru elettroniku								
Analiżi tal-iskart								
Data mill-operaturi tal-iskart								
Data mill-muniċipalitajiet								
Data mill-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur								
Oħrajn (speċifika)								

Informazzjoni addizzjonali dwar il-metodi, inkluż il-kombinazzjoni tal-metodi użati

2.2.3. Punti tal-kejl għar-riċiklaġġ applikati mill-Istat Membru

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Deskrizzjoni tal-punti tal-kejl użati (fil-punt tal-kalkolu jew fl-output tal-operazzjoni tas-separazzjoni bit-tnaqqis tal-materjali mhux fil-mira kif xieraq, il-kriterji tat-tmiem tal-istadju tal-iskart, eċċ.), inkluż varjazzjoni fil-livell reġjonali u lokali
Plastik	
Injam	
Metalli ferruż	
Aluminju	
Ħġieġ	
Karta u kartun	
Oħrajn	

Deskrizzjoni dettaljata tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont ta' materjali mhux fil-mira mneħħija bejn il-punt tal-kejl u l-punt tal-kalkolu, fejn japplika

2.2.4. Deskrizzjoni tal-metodoloġija għad-determinazzjoni għal kull materjal tal-ammont ta' materjali riċiklati li jinsabu fl-imballaġġ imħallat jew tal-imballaġġ magħmul minn diversi materjali, u informazzjoni dwar kull eżenzjoni applikata għall-materjali li jikkostitwixxu inqas minn 5 % tal-massa totali tal-unità tal-imballaġġ.

2.2.5. Użu tar-Rati ta' Telf Medji (Average Loss Rates, ALRs)

Deskrizzjoni tal-iskart mill-imballaġġ isseparat li għalih jiġu applikati l-ALRs, it-tipi ta' impjanti għas-separazzjoni li għalihom japplikaw ALRs differenti, l-approċċ metodoloġiku għall-kalkolu tal-ALRs fit-tali punt(i), inkluż l-akkuratezza statistika tal-istħarriġ użat, jew in-natura ta' kull speċifikazzjoni teknika.

Materjal ta' skart isseparat u tip ta' impjant għas-separazzjoni	ALR applikata (f'%)	Deskrizzjoni

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2.2.6. Attribuzzjoni tal-iskart skont jekk huwiex imballaġġ jew mhux imballaġġ u korrezzjoni għall-umdità

Deskrizzjoni, fejn japplika, tal-metodoloġija biex jiġi eskluż l-iskart mhux tal-imballaġġ mill-ammont irrapportat ta' skart mill-imballaġġ irriċiklat u tal-metodoloġija għall-korrezzjoni tal-ammont ta' skart mill-imballaġġ fil-punt tal-kejl sabiex tiġi riflessa r-rata ta' umdità naturali tal-imballaġġ (inkluż bl-użu tal-istandards Ewropej rilevanti). *Data* aggregata għall-faċilitajiet kollha ta' tip simili hija aċċettabbli.

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Tip ta' faċilità	Sehem tal-iskart mill-imballaġġ (%)	Deskrizzjoni tal-metodoloġiji applikati biex jinkiseb il-perċentwal

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2.2.7. Attribuzzjoni tal-iskart għal Stati Membri differenti

Deskrizzjoni tal-metodoloġija għall-esklużjoni tal-iskart li joriġina minn pajjiżi oħrajn, fejn japplika. *Data* aggregata għall-faċilitajiet kollha ta' tip simili hija aċċettabbli.

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Tip ta' faċilità	Sehem tal-iskart mill-Istat Membru (%)	Deskrizzjoni tal-metodoloġiji applikati biex jinkiseb il-perċentwal

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

2.2.8. Irkupru ieħor tal-iskart

Deskrizzjoni tat-trattament tal-iskart irrapportat taħt il-kategorija ta' rkupru ieħor u s-sehem tal-iskart (%) soġġett għal trattament bħal dan

2.2.9. Informazzjoni dwar ir-rilevanza tal-ħżin temporanju tal-iskart mill-imballaġġ għall-ammonti ta' skart trattat f'sena speċifika u kull stima ta' skart irriċiklat fis-sena ta' referenza attwali wara l-ħżin temporanju f'sena ta' referenza preċedenti, u l-iskart li jinħażen b'mod temporanju fis-sena ta' referenza attwali

2.2.10. Verifika tad-*data* dwar ir-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Kontroverifika (iva/le)	Verifika tas-serje kronoloġika (iva/le)	Awditjar (iva/le)	Proċess ta' Verifika
Plastik				
Injam				

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Kontroverifika (iva/le)	Verifika tas-serje kronoloġika (iva/le)	Awditjar (iva/le)	Proċess ta' Verifika
Metalli ferruż				
Aluminju				
Skart imħallat				
Oħrajn				

2.2.11. Kalkolu tar-riċiklaġġ tal-materjali mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni

Deskrizzjoni dettaljata tal-metodu għall-ġbir tad-*data* sabiex jiġi kkalkolat l-ammont ta' metalli sseparati mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni skont l-Att ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 37(7) tad-Direttiva 2008/98/KE

Data	Deskrizzjoni tal-metodu tal-kejl għall-ksib tad-*data*
Ammont totali ta' konċentrat tal-metall estratt mill-irmied tal-qiegħ tal-inċinerazzjoni	
Livell medju ta' kontenut metalliku fl-ammont totali ta' konċentrat tal-metall, inkluż l-affidabbiltà ta' kull stħarriġ imwettaq	
Proporzjon ta' skart li jidħol fl-impjanti tal-inċinerazzjoni li huwa skart mill-imballaġġ, inkluż l-affidabbiltà ta' kull stħarriġ imwettaq	

2.3. Akkuratezza tad-*data*

2.3.1. Deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw l-akkuratezza tad-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart mill-imballaġġ, inkluż l-iżbalji relatati mal-kampjunar, mal-kopertura, mal-kejl, mal-ipproċessar u man-nuqqas ta' tweġiba

2.3.2. Spjegazzjoni tal-ambitu u tal-validità tal-istħarriġ għall-ġbir tad-*data* dwar il-ġenerazzjoni u t-trattament tal-iskart mill-imballaġġ

2.3.3. Stħarriġ statistiku użat fir-rigward tal-ġenerazzjoni u tat-trattament tal-iskart mill-imballaġġ

Komponent tal-iskart mill-imballaġġ	Sena	Unitajiet statistiċi	Perċentwal tal-popolazzjoni mistħarrġa	*Data* (tunnellati)	Livell ta' fiduċja	Marġni ta' żball	Dettalji tal-aġġustamenti missena tal-istħarriġ għas-sena attwali	Dettalji oħra

Żid ir-ringieli għal kull stħarriġ użat.

2.3.4. Differenzi mid-*data* tas-sena ta' qabel

Bidliet metodoloġiċi sinifikanti fil-metodu tal-kalkolu għas-sena ta' referenza attwali, jekk hemm (jekk jogħġbok inkludi b'mod partikolari r-reviżjonijiet retrospettivi, in-natura tagħhom u jekk huwiex meħtieġ break-flag għal sena partikolari)

2.3.5. Spjegazzjoni li tagħti d-dettalji tal-kawżi għad-differenza fit-tunnellaġġ (rigward liema flussi ta' skart, setturi jew stimi kkawżaw id-differenza, u x'inhi l-kawża sottostanti) għal kull komponent ta' skart mill-imballaġġ iġġenerat u rriċiklat li juri varjazzjoni akbar minn 10 % mid-*data* mibgħuta għas-sena tad-*data* preċedenti

Materjal	Varjazzjoni (%)	Raġuni ewlenija għall-varjazzjoni

Żid ir-ringieli skont kif meħtieġ.

VI. **Traċċabbiltà tal-iskart u l-iżgurar tat-trattament tiegħu f'kundizzjonijiet li huma b'mod ġenerali ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE dwar l-ambjent**

1. Deskrizzjoni dettaljata tas-sistema għall-kontroll tal-kwalità u t-traċċabbiltà għall-iskart mill-imballaġġ skont l-Artikolu 6a (3) u (8) tad-Direttiva 94/62/KE

2. Skart trattat barra mill-Istat Membru

Materjal tal-iskart mill-imballaġġ	Soġġett għal trattament finali fl-Istat Membru (iva/le)	Ikkonsenjat lil Stat Membru ieħor tal-UE (iva/le)	Esportat barra mill-UE (iva/le)	Deskrizzjoni tal-miżuri speċifiċi għall-kontroll tal-kwalità u t-traċċabbiltà tal-iskart mill-imballaġġ, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-validazzjoni tad-*data*
Plastik				
Injam				
Metalli ferruż				
Aluminju				
Ħġieġ				
Karta u kartun				
Oħrajn				

3. Deskrizzjoni tal-miżuri biex jiġi żgurat li, skont l-Artikolu 6a(8) tad-Direttiva 94/62/KE, l-esportatur jista' juri li l-vjeġġ tal-iskart tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u li t-trattament tal-iskart barra l-Unjoni sar f'kundizzjonijiet li huma b'mod ġenerali ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi tal-Unjoni dwar l-ambjent rilevanti

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU L 190, 12.7.2006, p. 1).

VII. **Kunfidenzjalità**

Ġustifikazzjoni biex ma jiġux ippubblikati partijiet speċifiċi ta' dan ir-rapport:

VIII. **Siti web, dokumenti ta' referenza u pubblikazzjonijiet nazzjonali ewlenin**

"